ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

**IR-RABA' SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-isem u l-kunjom:________________________ Il-klassi: __________**

**Taqsima A (10 marki)**

**Agħżel it-tajba billi taqta' sing taħtha.**

Eżempju: Fil-Katakombi, l-Insara kienu (jorqdu, jidfnu l-mejtin, jaħbu l-qamħ).

1. Nhar ta' (Tnejn, Sibt, Ħadd) infakkru l-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt.
2. Il-Knisja hi (l-familja, l-purċissjoni, l-artal) ta' Alla fid-dinja.
3. Ġesù bagħat lill-Appostli (f'Malta, fid-dinja kollha, fl-Afrika).
4. Dawk li llum qed imexxu lill-Knisja flok l-Appostli huma (l-isqfijiet, il-patrijiet, is-saċerdoti).
5. (Fit-tagħlim, Fit-talb, Fit-tberik) inkunu qed nitkellmu ma' Ġesù.
6. Il-Knisja ta' Alla f'Malta bdiet (bil-miġja tal-Feniċi, bil-miġja ta' San Pawl, bil-miġja tan-Normanni).
7. Fil-quddiesa nirċievu lil Ġesù waqt (il-qari, it-tqarbin, il-paċi).
8. L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi (ta' San Pawl il-Baħar, ta' Ħal Luqa, tal-Imdina).
9. L-Appostli xerrdu (tagħlim żbaljat, it-tagħlim ta' Ġesù, tagħlim antik).
10. L-ewwel Insara f'Malta kienu jiltaqgħu (fil-pjazez, fil-katakombi, fuq il-bejt).

**Taqsima B** **(15-il marka)**

**Kompli dan ir-rakkont dwar San Pawl billi ddaħħal fil-vojt il-kliem li ġej.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~x-xitwa~~ | l-ankri | qawwi | lifgħa |
| ħuġġieġa | blata | tempesta | l-art |
| Malta | ġifen | erbatax-il | jegħrqu |
| jmut | Ruma | alla | fil-qorti |

Kienet riesqa **x-xitwa**, meta Pawlu telaq bil-_________________ mill-Palestina għal _________________. Hu kien sejjer Ruma biex jidher ___________________ t'hemm. Qabel wasal Ruma, qamet __________________ kbira. Fuq il-ġifen kien hemm ħafna nies li bdew jibżgħu li se __________________. Imma Pawlu għamlilhom il-qalb u qalilhom li ħadd minnhom ma kien ser jintilef. Għaddew __________________ ġurnata resqin lejn _________________. Kien billejl u ma ridux jaħbtu ma' xi _________________. Għalhekk tefgħu __________________ fil-baħar u qagħdu jistennew li jisbaħ. Meta sebaħ raw bajja u ppruvaw jidħlu fiha. Għalkemm il-baħar kien __________________, ilkoll waslu l-art u ħadd ma għereq. Kif niżlu l-art saru jafu li l-gżira kien jisimha __________________. Il-Maltin qabbdulhom __________________ biex jisħnu. Minn qalb il-ħatab telgħet _________________ u gidmet lil Pawlu. In-nies stennew li se jaqa' u __________________. Imma Pawlu ma ġralu xejn u n-nies ħasbu li hu xi ___________________.

**Taqsima C** **(5 marki)**

**Imla l-vojt bil-kliem li ġej.**

| | | |
|---|---|---|
| ~~strument~~ | il-mibegħda | il-fidi |
| id-dawl | il-maħfra | il-qtigħ il-qalb |

**Eżempju: Mulej, agħmilni <u>strument</u> tal-paċi tiegħek!**

1. Fejn hemm ________________________, ħallini nħeġġeġ l-imħabba.
2. Fejn il-ħtija, ħallini nferrex _________________________.
3. Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal _______________________.
4. Fejn hemm ________________________, ħallini nqawwi t-tama.
5. Fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes ________________________.

**Taqsima D** **(10 marki)**

**Qabbel dak li hemm f'Kolonna A mal-personaġġ f'Kolonna B.**

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|
| 1. Jien ġejt Malta ma' Pawlu. | | Marija |
| 2. Jien kont l-ewwel isqof ta' Malta. | | Missier Publiju |
| 3. Jien kont l-ewwel martri li mitt għal Ġesù. | | Ġesù |
| 4. Jien ir-Ragħaj it-Tajjeb. | | Ġwanni |
| 5. Jien Omm Ġesù. | **1** | Luqa |
| 6. Jien kont missier Ġesù fid-dinja. | | Stiefnu |
| 7. Jien l-appostlu li kont taħt is-salib ta' Ġesù. | | Publiju |
| 8. Jien kont imsallab ma' Ġesù. | | Pilatu |
| 9. Lili fejjaqni Pawlu meta ġie Malta. | | Pietru |
| 10. Kont il-gvernatur Ruman fi żmien Ġesù. | | Il-ħalliel it-tajjeb |
| 11. Jien kont l-ewwel Papa. | | Ġużeppi |

**Taqsima E** **(20 marka)**

**Aqra din l-istorja dwar Żakkew u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Żakkew kien jiġbor it-taxxi u kien ħalliel. Darba sema' b'Ġesù u ried jarah. Tela' fuq siġra u Ġesù qallu biex jinżel minn hemm għax ried imur għandu. Ġesù mar id-dar ta' Żakkew u qagħdu jitkellmu. Waqt li kien jitkellem ma' Ġesù, Żakkew beda jiftakar fid-dnubiet tiegħu. Talab lil Ġesù jaħfirlu. Wiegħdu li se jsir raġel tajjeb. Żakkew qallu li kien se jibgħat għan-nies li kien serqilhom xi ħaġa u jitlobhom skuża u jagħtihom aktar milli ħadilhom. Meta ra dan Ġesù ħafirlu u żammu bħala ħabib tiegħu.

1. Min kien Żakkew?

_______________________________________________ (2 marki)

2. X'għamel Żakkew biex jara lil Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Fiex beda jiftakar Żakkew meta beda jitkellem ma' Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

4. X'talab Żakkew lil Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

5. X'wiegħed Żakkew lil Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

6. Għaliex Ġesù żamm lil Żakkew bħala ħabib tiegħu?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

7. F'liema sagrament aħna nerġgħu nsiru ħbieb ma' Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

8. X'għandna nagħmlu meta aħna nweġġgħu lil xi ħadd?

_______________________________________________ (2 marki)

9. X'għandna nagħmlu meta xi ħadd jagħmlilna d-deni?

_______________________________________________ (2 marki)

10. Min jaħfrilna dnubietna llum f'isem Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima F** **(5 marki)**

**Qabbel is-sentenzi f'Kolonna A mal-postijiet li nsibu fil-knisja f'kolonna B. Ara l-eżempju.**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Il-post fejn isir il-qrar. | | Il-kampnar |
| 2. Il-post minn fejn naqraw il-kelma t'Alla. | | It-tabernaklu |
| 3. Minn hawnhekk jindaqqu l-qniepen. | | Il-battisteru |
| 4. Fih inżommu lil Ġesù Sagramentat. | **1** | Il-konfessinarju |
| 5. Niċċelebraw l-Ewkaristija fuqu. | | L-ambone |
| 6. Hawnhekk jitgħammdu l-membri l-ġodda tal-Knisja. | | L-artal |

**Taqsima G** **(5 marki)**

**Aqra sew dawn is-sentenzi u ikteb l-isem ta' dawk it-tfal li b'dak li għamlu wrew li jħobbu lil Ġesù.**

Eżempju: John gideb fuq Paul imma Paul ħafirlu. | Paul |

| | |
|---|---|
| 1. Karl waddab ġebla u kisser ħġieġa. Pauline qaltlu biex jammetti li żbalja. | |
| 2. Maria tmur iżżur lil Tanya l-isptar. | |
| 3. Clare tat ftit mil-*lunch* tagħha lil Joanne għax insietu d-dar. | |
| 4. Manuel ħajjar lil Peter jibda jmur miegħu l-quddies. | |
| 5. Martina serqet ktieb u Susan qaltilha biex tagħtih lura. | |

**Taqsima H** **(10 marki)**

**Ħares lejn ir-ritratti t'hawnhekk u wieġeb il-mistoqsijiet.**

  

1. X'jismu l-Papa? Il-Papa ______________________
2. X'jismu l-Arċisqof ta' Malta? Monsinjur ______________________
3. X'jismu l-Isqof ta' Għawdex? Monsinjur ______________________
4. L-Isqfijiet qed ikomplu x-xogħol ta' ______________________
5. Kif għandha tkun l-imġiba tal-Insara lejn l-isqof?

______________________________________________

**Taqsima I** **(5 marki)**

**Żid kelma li taqbel ma' kull grupp. Ara l-eżempju.**

Eżempju: Sedja, tabernaklu, artal, kampnar.

1. Il-Magħmudija, Il-Griżma tal-Isqof, Il-Qrar, ____________________
2. Pietru, Mattew, Bartilmew, ____________________
3. Il-Glorja, Is-Sliema, Il-Kredu, ____________________
4. Il-Milied, Santa Marija, Pentekoste, ____________________
5. Qassis, kappillan, arċisqof, ____________________

**Taqsima J** **(10 marki)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. X'mar jagħmel Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

   ________________________________________ (marka)

2. Lil min inkunu qed inkellmu meta nitolbu?

   ________________________________________ (marka)

3. Liema hi t-talba li għallimna Ġesù?

   ________________________________________ (marka)

4. Semmi post fejn tista' titlob.

   ________________________________________ (marka)

5. Kompli dan it-talb:

   a. "Ġesù, grazzi talli ______________________________

   ______________________________" (2 marki)

   b. "Ġesù, aħfirli ta' meta ______________________________

   ______________________________" (2 marki)

   c. "Ġesù, għinni biex ______________________________

   ______________________________" (2 marki)



**Taqsima K** **(5 marki)**

**Ikteb x'għandek tagħmel bħala Nisrani/ja f'dawn is-sitwazzjonijiet.**

Eżempju: Meta ħabib tiegħek ikun marid.

Immur narah.

1. Meta l-ġenituri jkollhom bżonn l-għajnuna.

   ______________________________ (marka)

2. Meta n-nanna jkollha bżonn qadja.

   ______________________________ (marka)

3. Meta l-għalliema tkun qiegħda tispjega l-lezzjoni.

   ______________________________ (marka)

4. Meta tkun qed tilgħab ma' sħabek.

   ______________________________ (marka)

5. Meta l-għalliema tagħtik ix-xogħol tad-dar.

   ______________________________ (marka)



